C/2024/4377

5.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11558 — BPOST / STACI)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4377)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— bpost SA/NV ("bpost", il-Belġju), li hija fil-51.04 % tagħha proprjetà tal-Istat Belġjan permezz tas-Société Fédérale de Participations et d'Investissements (il-Belġju),

— Staci SAS (iktar' il quddiem "Staci", Franza), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Ardian Holding S.A.S (iktar' il quddiem "Ardian", Franza).

bpost se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Staci kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— bpost tipprovdi s-servizz postali universali u ċerti servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-Belġju. Barra minn hekk, bpost hija attiva fil-posta mhux universali, fis-servizzi tal-konsenja tal-pakketti, fis-servizzi loġistiċi tas-sodisfazzjon elettroniku u fid-distribuzzjoni tal-istampa fl-Ewropa, fl-Istati Uniti u fl-Asja,

— Staci tipprovdi servizzi loġistiċi bl-imnut u toffri soluzzjonijiet loġistiċi minn Negozju għal Negozju (B2B, Business to Business) u min-Negozju għall-Konsumatur (B2C, Business to Consumer) għall-kumpaniji li jesternalizzaw l-operazzjonijiet ta' provvista għan-netwerk tagħhom jew għall-klijenti fl-Ewropa, fl-Istati Uniti u fl-Asja. Ardian huwa grupp ta' ekwità privata.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11558 – BPOST / STACI

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").